MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 81

28 ta' Awwissu 2017

Minuti tas-seduta Nru. 81 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar t-Tnejn 28 ta' Awwissu 2017 fis-6.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament bl-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-minuti tas-seduta Nru. 80 tat-8 ta' Awwissu 2017, ġew approvati u ffirmati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li l-minuti kif approvati għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://lc.gov.mt/Page.aspx?catid=25&pid=227

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Kolliżżjonijiet fi Triq il-Vitorja ma' Triq il-Mitħna l-Qadima

**(T/3/2/Vol XIV)**

2.1.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 12.3 tas-seduta preċedenti u għarraf li permezz ta' petizzjoni datata 22 ta' Awwissu 2017 saret talba mir-residenti sabiex isiru *speed humps* fi Triq il-Vitorja, fuq iż-żewġ naħat ta' Triq il-Mitħna l-Qadima.

2.1.3. Il-Kunsill qabel li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet ma' Transport Malta sabiex isiru *speed humps* fi Triq il-Vitorja qrib il-kantuniera ma' Triq il-Mitħna l-Qadima.

### 2.2.1. Parteċipazzjoni fil-*Queen's Baton* **(A/5/3/Vol XV)**

2.2.2. Il-Kunsillier H. Fenech rrefera għall-minuta 4.6.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li huwa attenda l-laqgħa ta' informazzjoni li saret fil-21 ta' Awwissu 2017 fil-kwartieri tal-Kumitat Olimpiku Malti. Huwa qal li l-attività maħsuba għall-Mellieħa ġiet skedata għal nhar is-Sibt 23 ta' Settembru 2017 bejn l-4.00pm u l-5.00pm. Huwa ppropona li l-*Baton Relay* tibda mill-Park tal-Familja, tieqaf għal ftit fid-Dar tal-Anzjani u tintemm f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Is-Sur H. Fenech qal ukoll li l-Kunsill intalab jindika żewġ persuni prominenti mil-lokalità sabiex jilbsu *tee-shirt* bil-logo tal-Logħob tal-Commonwealth.

2.2.3. Il-Kunsill iddeċieda li r-rotta tkun hekk:

- Park tal-Familja (Bidu);
- Triq Ġużè' Flores;
- Triq il-Pitirross;
- Triq il-Qortin;
- Triq il-Fortizza;
- Triq San Mikiel;
- Triq il-Vitorja;
- Triq il-Mitħna l-Ġdida;
- Dar tal-Anzjani (waqfa qasira);
- Triq il-Wied,
- Triq Ġnien Ingraw;
- Triq is-Santwarju;
- Triq l-Inkurunazzjoni;
- Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (Tmiem)

2.2.4. Bħala nies prominenti, il-Kunsill qabel li dawn għandhom ikunu nvoluti fl-isports u għalhekk issemmew is-Sinjuri Alex Borg u Xandru Grech.

## 2.3.1. Mozzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt li jipprovdi għal tindif ta' toroq urbani (T/4/5/Vol IV)

2.3.2. Saret referenza għall-minuta 7.1. tas-seduta ta' qabel u kien hemm qbil unanimu li l-kuntratt il-ġdid għandu jibda jiffunzjoni b'effett mill-1 ta' Ottubru 2017, sabiex jiġi evitat is-sajf.

**2.4.1. Kampanja *"Let's Do It Malta"*** **(T/4/6/Vol III)**

2.4.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għall-minuta 4.11.3. tas-seduta preċedenti u għarraf li t-tindif ser isir: fil-Fortizza ta' Campbell; fit-triq li hemm bejn il-Mistra u l-Fortizza ta' Campbell; fix-Xagħra tat-Tunnara; u madwar il-Palazz ta' Selmun. Huwa qal ukoll li ser jiġu pprovduti tliet *skips*.

2.4.3. Il-Kunsill qabel li għandu jiġi ndikat post wieħed fejn l-għaqdiet Melleħin jkunu jistgħu jipparteċipaw f'din l-inizjattiva. Għaldaqstant għandhom jintbagħtu ittri għal dan il-għan. Ġie deċiż ukoll li għandha tingħata pubbliċità fil-media soċjali.

## 3.0. Tqegħid ta'Karti

- *Purchase Request Form* – 25/08/17;
- Skeda ta' Pagamenti – 05/08/17 – 25/08/17;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet;
- Rapport tal-*Contracts Manager* dwar l-andament tal-kuntratti - Marzu/Lulju 2017
- Rendikont Finanzjarju – April / Ġunju 2017

## 4.0. Korrispondenza

## 4.1.1. Kunċert annwali mill-Għaqda tan-Nar Maria Bambina (S/6/Vol VI)

4.1.2. Saret referenza għal imejl datat 9 ta' Awwissu 2017, mibgħut mill-għaqda msemmija, fejn appellaw lill-Kunsill jinvolvu ruħu fl-organizzazzjoni tal-kunċert annwali li ser isir fid-29 ta' Awwissu 2017 fi Triq Ġnien Ingraw.

4.1.3. Il-Kunsill laqa' l-appell li sar u talab li jsiru kuntatti sabiex jiġi stabbilit il-mod kif jista' ikun hemm koperazzjoni fl-ispirtu tal-Artiklu 33 (n) u (p) tal-Att Dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363). Kien hemm qbil li l-Kunsill m'għandux jikkommetti aktar minn €800 għal din l-inizjattiva.

## 4.2.1. Sewqan perikoluż f'Dawret it-Tunnara (T/3/2/Vol XIV)

4.2.2. Saret referenza għal ittra mibgħuta lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru datata 10 ta' Lulju 2017 mis-Sinjura Mary Runza, fejn tenniet it-talba sabiex isiru *speed humps* f'Dawret it-Tunnara,

bejn Triq it-Trill u Triq il-Marfa, minħabba li hemm tendenza li s-sewwieqa jgħaddu minnha b'veloċità qawwija.

4.2.3. Is-Segretarju fakkar li l-Kunsill kien iddiskuta din it-talba fis-seduta Nru. 63 tat-12 ta' Settembru 2016 wara li ra illi kien hemm kunsens wiesgħa biżżejjed fost ir-residenti, sabiex issir rakkomandazzjoni lil Transport Malta favur l-introduzzjoni tal-i*speed humps* mitluba f'Dawret it-Tunnara, qrib il-kantuniera ma' Triq is-Sajjieda u oħra fil-parti ta' ġewwa tat-triq. Transport Malta kienet irrifjutat din it-talba.

4.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, u kien tal-fehma li wieħed għandu jistenni l-eżitu' tat-talba li saret lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

### 4.3.1. Monument fir-*roundabout* ta' Triq il-Marfa (T/3/2/Vol XV)

4.3.2. Saret referenza għal imejl datata 21 ta' Awwissu 2017, mibgħut minn Sinjorina Cane Vella, f'isem il-kampanji "*Get Trashed Malta*" u "Żibel", fejn talbu l-opinjoni tal-Kunsill dwar proposta sabiex isir monument b'tema ambjentali fuq ir-*roundabout* li hemm quddiem l-għassa tal-Pulizija fl-Għadira. L-ideja hija tal-artist Mario Ciantar u l-ħsieb huwa li dan ikun forma ta' ħuta magħmula minn skart tal-metal li jinġabar. Il-qisien tiegħu jkunu ta' 2.0 metri għoli u 3.5 metri wiesgħa.

4.3.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm jinġiebu l-permessi kollha meħtieġa bil-liġi.

### 4.4.1. Kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Kontra l-Vjolenza Domestika (K/11)

4.4.2. Saret referenza għal ċirkulari 42/2017 tat-12 ta' Lulju 2017, fejn il-Kunsilli Lokali qed jiġu mistiedna jikkollaboraw mill-Kummissjoni msemmija f'sensiela ta' attivitajiet li jsiru bejn l-24 ta' Novembru u l-10 ta' Diċembru 2017, imsejħa *"16 Days of Activism"*. Ġie spjegat li l-għan ewlieni huwa sabiex ikun hemm aktar għarfien dwar l-vjolenza domestika u vjolenza bbażata fuq il-ġeneru. Il-kontribut mitlub jista' jinvolvi l-promozzjoni tal-kampanja ta' prevenzjoni u edukazzjoni dwar is-suġġett, kif ukoll fit-tqassim ta' materjal informattiv mill-uffiċċji tal-Kunsilli Lokali. Għaldaqstant, il-Kunsill qed jintalab: (a) jgħarraf jekk huwiex ser jieħu sehem f'xi waħda jew aktar mill-attivitajiet skedati; (b) jingħata l-isem tal-Kunsillier responsabbli mill-affarijiet soċjali; u (ċ) jixteghlu postijiet ta' interess fil-lokalità għal tliet Sibtijiet fil-perjodu bejn l-24 ta' Novembru u l-10 ta' Diċembru 2017.

4.4.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jikkontribwixxi billi jipprovdi l-materjal promozzjonali lill-pubbliku, kif ukoll billi jixgħel il-faċċata tal-uffiċċju amministrattiv fil-jiem indikati.

### 4.5.1. Danni fi proprjetà privata fi Triq il-Merill (T/3/2/Vol XV)

4.5.2. Inqara imejl mibgħut mis-Sinjura Mary Magro tal-21 ta' Awwissu 2017, fejn ilmentat li għat-tieliet darba l-ħajt tal-ġnien mad-dar tagħha f'Nru. 249, intlaqat minn vettura, u għaldaqstant talbet li ssir *crash barrier* sabiex dan ma jerġax jirrepeti ruħu.

4.5.3. Wara li ttieħdet in konsiderazzjoni l-pożizzjoni tar-residenza tas-Sinjura Magro, li tinsab f'nofs il-blokka, kif ukoll l-ingombru tal-bankina, il-Kunsill kien tal-fehema li mhemmx lok li ssir *crash barrier*.

### 4.6.1. Pubblikazzjoni "*Let's Walk Around Europe*" (T/12/Vol II)

4.6.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għall-Ċirkulari AKL 57/2017 datata 17 ta' Awwissu 2017, fejn l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għarfet li qed taħdem fuq pubblikazzjoni dwar ivjaġġar sostenibbli li jinvolvi mixjiet fil-lokalitajiet. Il-Kunsilli Lokali ntalbu sabiex jgħaddu ritratti ta' mixjiet interessanti bil-għan li jiġu nklużi f'pubblikazzjoni li ser tkun ukoll aċċessibbli onlajn. Hija spjegat li flimkien ma' dan ser ikun hemm kompetizzjoni ta' ritratti dwar l-istess mixjiet. Ir-ritratti magħżula jiġu mħabbra waqt

seminar li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ser ittellgħa waqt il-*European Mobility Week*. Dawn iridu jiġu mgħoddija sal-31 ta' Awwissu 2017.

4.6.3. Il-Kunsill qabel li għandu jiġu jdentifikat mixjiet fil-lokalità, kif ukoll li intalab is-servizz ta' fotografu sabiex jieħu r-ritratti.

### 4.7.1. Proġett "Darba Waħda" (A/1/1/Vol IV)

4.7.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl datat 25 ta' Awwissu 2017, mibgħut mill-Valletta 2018 Foundation, rigward proġett multidixxiplinarju mmirat lejn it-tfal u l-anzjani. Attwalment qed issir it-tħejjija għaliħ u qed jintalab tagħrif dwar faċilitajiet u organizzazzjonijiet li huma relevanti mal-proġett. Is-Sinjura A. Brincat Stellini qalet li hija tinsab f'kuntratt mad-diriġenti tal-proġett sabiex tgħaddi t-tagħrif meħtieġ.

4.7.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li qed tittieħed.

### 4.8.1. Programm *Life & Style* fuq NET Television (M/3/Vol III)

4.8.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl datat 14 ta' Awwissu 2017, mibgħut mill-produtturi tal-programm imsemmi, fejn il-Kunsill intalab jindika persuna residenti fil-lokalità li għandha talent mhux tas-soltu.

4.8.3. Ġew indikati s-Sinjuri Dean Fenech li huwa artist fil-qasam tal-komiċità, Ġiġi Gauci għat-tpinġija fuq l-injam, u Kenneth Grima bħala artist fix-xogħol tal-fuħħar.

4.8.4. Il-Kunsill qabel li l-persuni msemmija għandhom jiġu kkuntattjati.

### 4.9.1. Programm Xift fuq TVM (M/3/Vol III)

4.9.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl datat 23 ta' Awwissu 2017, mibgħut minn Impel Communications Ltd, fejn talbu l-għajnuna tal-Kunsill, fost affarijiet oħra sabiex jingħataw:

- Ħames fatti interessanti fuq il-lokalita;
- Postijiet li mhux kulhadd jaf bihom u li l-l-Kunsill jixtieq jippromwowi, jew postijiet ta' interess fil-lokalità;
- Persunalità, jew attività fil-lokalità li tista' issir referenza għaliha fil-programm; u
- Lista ta' persuni interessanti u personalitajiet residenti fil-lokalità, jew kantant/a.

4.9.3. Il-Kunsill qabel li għandha tingħata l-għajnuna kollha possibbli.

### 4.10.1. Inizzjattiva dwar tindif fil-widien (T/6/1/Vol IV)

4.10.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefer għaċ-ċirkulari AKL 60/2017 tal-25 ta' Awwissu 2017 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar it-twaqqfet Task Force bejn il-Ministeru tal-Ambjent u l-Iżvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima, il-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, u l-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali. It-*Task Force* hija ntiża biex jitwettaq programm ta' xogħlijiet ħalli jitneħħa l-iskart mill-widien madwar Malta. Għadaqstant, il-Kunsilli Lokali ntalbu sabiex jgħaddu lill-uffiċċjali inkarigati mir-reġjuni tagħrif dwar il-widien li jeħtieġu jiġu mnaddfa flimkien ma' mappa tal-lokal u ritratti li turi fejn dawn jinsabu.

4.10.3. Is-Sur J. Azzopardi kompla biex indika l-postijiet segwenti li jeħtieġu t-tindif:

- Postijiet għall-ikkampjar fiż-żoni tal-Aħrax tal-Madonna, l-Aħrax tar-Ramel, u fl-Aħrax tat-Tunnara;
- Il-Wied tal-Imġiebaħ;

- Wied Musa, taħt il-pont ta’ Triq iċ-Ċirkewwa; u
- L-għaram tar-ramel fil-Bajja tat-Torri l-Abjad.

4.10.4. Il-Kunsill approva l-proposti li saru fil-minuta 4.10.3.

**4.11.1. *Banner* fi Triq Ġorġ Borg Olivier (T/4/3/Vol III)**

4.11.2. Is-Sindku rrefera għal imejl datat 29 ta’ Ottubru 2017 mibgħut mill-operatur ta’ Maritim Hotel Antonin Hotel & Spa, fejn talbu li jwaħħlu banner quddiem l-imsemmija lukanda, bejn l-14 u d-29 ta’ Ottubru 2017.

4.11.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm jiġu applikati l-provvedimenti tal-*Bye-Laws* dwar dan is-suġġett.

## 5.1. Akkwist ta’ Servizzi u Materjal

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 25 ta’ Awwissu 2017.

5.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

## 6.1. Ħlasijiet marbuta ma’ akkwist ta’ Servizzi u Materjal

6.2. Ġiet ippreżentata skeda ta’ pagamenti li tkopri bejn l-5 u l-25 ta’ Awwissu 2017.

6.3. Il-Kunsillier P. Cutajar iddikjara li huwa kien qiegħed jastjeni mid-diskussjoni u sehem fid-deċiżjoni dwar il-pagament 046-08-17 fl-iskeda, skont kif provdut fl-Artiklu 19 tal-Att XV tal-1993.

6.4. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha inklużi fiż-żewġ skedi. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku http://lc.gov.mt/Page.aspx?catid=25&pid=227

## 7.1. Rapport tal-*Contracts Manager* (K/9/Vol II)

7.2. Tressaq rapport mill-*Contracts Manager* dwar l-andament tal-kuntratti matul il-perjodu Marzu/Lulju 2017. Għad-diskussjoni dwar dan is-suġġett attenda l-Perit D. Cordina u għalhekk is-seduta ġiet sospiża sabiex ikunu jistgħu jsiru spjegazzjonijiet min-naħa tiegħu.

7.3. Is-Sindku kkummenta li fir-rigward tal-**kuntratt tat-tindif tat-toroq urbani**, għandu jiġi żgurat li l-kuntrattur konċernat ma jabbużax billi jpoġġi l-iskart li jinġabar f’boroż suwed sabiex jinġabru permezz tas-servizz tal-ġbir tal-iskart domestiku mħallat, jew inkella jitħalla fejn il-*litter-bins*. Is-Sur J. Buttigieg qal li b’effett minn Ottubru 2017 ser jibda jiffunzjona kuntrattur differenti u wieħed jittama li ma jerġax jiġri l-istess.

7.4. Rigward il-**ġbir tal-iskart domestiku mħallat**, il-*Contracts Manager* ikkummenta li attwalment dan huwa kkaratterizzat b’dewmien, peress li l-kuntrattur mhux qed ikun mgħammar b’żewġ scammels kbar u ieħor żgħir, kif stipulat fil-kuntratt relattiv. Is-servizz li jingħata mhux qed ikun effiċjenti u qed jipprova jaħdem b’inqas vetturi, minflok jirrikorri għas-servizzi ta’ *sub-contractor/s* biex jirrimedja. Għaldaqstant, ġie ssuġġeriet li għandha ssir laqgħa mal-kuntrattur Velljo Waste Services bil-għan li jgħid kif ser itejjeb is-servizz mill-iktar fis possibbli.

7.5. Il-*Contracts Manager* qal li l-kuntrattur responsabbli mit-**tindif tat-toroq mhux urbani**, jidher li mhux qed ikun proattiv biżżejjed biex iżomm it-toroq fil-livell B b’mod uniformi fil-lokalità kollha, kif stipulat fil-kuntratt relattiv. Għaldaqstant qed ikun meħtieġ li l-Kunsill jindikalu it-toroq li jrid jittratta. Il-Perit D. Cordina, tenna li anke f’dan il-każ, jeħtieġ li jitkomplew il-laqgħat regolari mal-kuntrattur bil-għan li ma jkunx hemm żoni li jaqgħu lura fit-tindif.

7.6. Il-*Contracts Manager* qal li l-bqija tal-kuntratti, marbuta mas-servizzi, jidhru li qed jaħdmu b’mod sidisfaċenti u mhemmx lok ta’ tħassib.

7.7. Wara li reġgħet tkompliet is-seduta, il-Kunsill ra r-rapport u approva s-suġġerimenti mressqa aktar 'il fuq.

## 8.1. Tħejjijiet għall-Festa tal-Vitorja fil-Mellieħa (F/2/Vol VI)

8.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li tkomplew il-kuntatti ma' Enemalta plc, Malta Public Transport u Transport Malta dwar is-servizz tal-karozzi tal-linja b'aċċenn fuq ix-xogħlijiet li għaddejjin fi Triq Lewis Wettinger. L-Enemalta kkonfermat li Triq Lewis Wettinger ser tkun tista' tinfetaħ sal-4 ta' Settembru. Għaldaqstant ser ikun possibbli li jsir *bus stop* temporanju fi Triq Qasam Barrani li jkun jista' jintuża sas-6 ta' Settembru, fil-ħinijiet li t-toroq ewlenin jkunu magħluqa minħabba l-attivitajiet tal-baned. Is-Sur J. Buttigieg kompla jispjega li l-passiġġieri ġejjin minn barra 'il Mellieħa ser ikunu jistgħu jinżlu fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi wara li sar arranġament biex jitneħħew blokki tal-konkos li qed jostakolaw vetturi kbar milli jduru minn Triq in-Nasses għal Triq il-Fortizza.

8.3. Is-Sindku qal li fis-7 u t-8 ta' Settembru l-karozzi tal-linja ser iħallu l-passiġġieri fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, fejn ser ikun *shuttle service* sa Triq Qasam Barrani u lura.

8.4. Huwa qal li l-kuntratturi EuroClean Waste Services u Velljo Services ser jipprovdu bejniethom 21 *litter bin* sabiex jitqassmu fi Triq Ġnien Ingraw, Triq l-Erwieħ u Triq l-Inkurunazzjoni. Is-Sur J. Buttigieg qal li servizzi relatati oħra li ġew ordnati jinvolvu ambulanza, *mobile toilets*, Gwardjani Lokali u Pulizija *on extra duty*. Intqal ukoll li twaqqaf il-*billboard* pubbliċitarju dwar il-festa fit-Telgħa ta' Selmun.

8.5. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li qed tittieħed.

## 9.1. Programm ta' attivitajiet kulturali matul l-2018 (A/5/5/Vol VIII)

9.2. Il-Kunsill A. Brincat Stellini għarrfet li attwalment hija għaddejja b'kuntatti dwar l-attivitajiet kulturali għal matul l-2018, fosthom mal-Fondazzjoni Valletta 2018. Hija pproponiet li dawn ikunu mqassma hekk:

| | |
|---|---|
| 18-19 ta' Mejju | Mellieħa International Music Festival 2018 |
| 24 ta' Ġunju | Festa ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ |
| 6 u l-20 ta' Lulju | L-Arti fil-Misraħ (kull nhar ta' Ġimgħa) |
| 27-29 ta' Lulju | Iljieli Melleħin 2018 |
| 22-24 ta' Diċembru | Milied Mellieħi 2018 |

9.3. Is-Sinjura Brincat Stellini pproponiet li tiltaqgħa separatament ma' kull għaqda bbażata fil-lokalità sabiex tikseb *feedback* bil-għan li ttejjeb l-livell tal-attivitajiet imsemmija.

9.4. Il-Kunsill approva l-proposti skont il-minuta 9.2, iżda ddeċieda li għandha ssir laqgħa waħda għall-għaqdiet kollha wara li jiġu notifikati permezz ta' ittra.

## 10.1. Proposti dwar Distribuzzjoni ta' Ħaddiema mal-Kunsilli Lokali / Reġjuni (H/4/Vol II)

10.2. Saret referenza għall-proposti mgħoddija mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali permezz ta' ta' ċirkulari AKL 55/2017 tad-9 ta' Awwissu 2017. Wara diskussjoni, il-Kunsil qabel fil-prinċipju dwar il-kriterji li fuqhom il-ħaddiema fl-iskemi għandhom jiġu assenjati mal-Kunsilli Lokali, ossija:

- Kunsilli Lokali b'5 kunsillieri jkollom 3 ħaddiema
- B'7 kunsillieri jkollom 4 ħaddiema
- B'9 kunsillieri jkollom 5 ħaddiema
- Bi 11-il kunsillier ikollom 6 ħaddiema
- Bi 13-il kunsillier ikollom 7 ħaddiema

10.3. Is-Segretarju ġab il-punti segwenti għall-attenzjoni tal-Kunsill, bil-għan li jiġu trattati, jew iċċarati, kif ġej:

(a) Sakemm il-funzjonijiet tar-Reġjuni jibqgħu dawk li huma, m'għandhomx jiġu assenjati ħaddiema magħhom li ma jagħmlux xogħol klerikali. Dan għar-raġuni li l-ebda Reġjun m'huwa mgħobbli bir-responsabilità li jmantni l-infrastruttura, għaliex fil-verità l-pubbliku ma jirrikorrix għandhom b'ilmenti ta' dan it-tip. Dan anke joħroġ ċar mill-Artiklu 33 tal-Att dwar Kunsilli Lokali u l-Artiklu 19 tar-Regolamenti dwar Kumitati Reġjonal, fejn hemm elenkati l-funzjonijiet kollha tal-Kunsill Lokali. Għaldaqstant, l-assenjazzjoni ta' ħaddiema mhux klerikali mar-Reġjuni hija hela ta' riżorsi, li għalhekk għandhom jitpoġġew għad-disposizzjoni diretta tal-Kunsilli Lokali;

(b) L-amministraturi tal-iskemi għandhom jagħtu tagħrif dwar il-ħiliet tal-ħaddiema li jiġu assenjati, bil-għan li l-Kunsilli Lokali jkunu f'pożizzjoni aħjar li jassenjawhom xogħlijiet kompatibbli mal-ħiliet u l-esperjenza li forsi diġa għandhom;

(c) Fattur ieħor li għandu jiġi ċċarat, huwa dak tal-assikurazzjoni. Min għandu jkopri l-ħaddiema fl-iskemi f'każ ta' korriment - il-Kunsill li jkun qed jibbenefika mis-servizzi tagħhom, jew lil min jimpjegahom u qiegħed jagħmel tajjeb għas-salarju tagħhom?; u

(d) Mistoqsija oħra li tqum hija, jekk il-Kunsilli jistgħux jgħaddulhom xogħol li jinvolvi proprjetà pubblika fil-lokalitajiet rispettivi, li mhux neċessarjament tkun taqa' fir-responsabilità tagħhom eż: skejjel, għases tal-Pulizija, proprjetà tal-Knisja, eċċ.

10.4. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa u talab li jiġu mgħoddija lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

## 11.1. Rendikont Finanzjarju – Jannar / Ġunju 2017 (F/1/1/Vol II)

11.2. Is-Segretarju spjega li d-dħul tal-Kunsill bejn Jannar u Ġunju 2017 kien jammonta għal €617,735, filwaqt li min-naħa l-oħra kien hemm nefqa ta' €543,805, u hekk irriżulta bilanċ pożittiv ta' €79,930 għall-perjodu Jannar / Ġunju 2017.

11.3. L-Assi Kurrenti (*Current Asset*) kienu jammontaw għall-€866,637, li €827,002 minnhom kienu flus fil-kontijiet barkarji. Min-naħa l-oħra l-Obbligazzjonijiet Kurrenti (*Current Liabilities*) kienu fil-livell ta' €475,939, li jikkonsistu f'ammonti li l-Kunsill għandu jagħti kif jidhru fuq il-kotba, stima (*accruals*) fuq servizzi, jew materjal mixtrija li kien għadhom ma daħlux fil-kotba, u dħul li l-Kunsill għadu ma rċeviex (*Deferred Income*).

11.4. Ġie spjegat ukoll li ċ-ċifra €1,549,835, indikata bħala *Deferred Income* (Nota 15 fir-rapport) tirriżulta minn għotjiet li l-Kunsill irċieva biex iwettaq proġetti kapitali u li għad iridu jiġu rilaxxjati fil-*Profit and Loss*. Dawn huma komposti minn:

(a) Fondi ġejjin mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali
(b) *Long term grants*; u
(c) Fondi Speċjali – *Deferred Grants*.

11.5. Ġie spjegat li meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni l-fatturi kollha msemmija fil-minuti 11.2.; 11.3. u 11.4 aktar 'il fuq, jirriżulta Indikatur tas-Sitwazzjoni Finanzjarja ta' 31%.

11.6. F'dak li jirrigwarda l-Impjant u Tagħmir (*Plant and Equipment*), fil-perjodu koperti bir-rapport, ġew kapitalizzati b'kemm jiswew €170,495 f'Assi Permanenti (*Fixed Assets*) li l-valur oriġinali biex dawn ġew akkwisti kien ta' €10,934,379, iżda meta nħadem id-diprezzament fuqhom sa tmiem il-perjodu kopert bir-rapport, il-Valur Nett fil-Kotba (*Net Book Value*) kien ta' €5,217,877.

11.7. Il-Kunsill approva r-rapport u talab li jiġi ppubblikat permezz tas-sit elettroniku tal-Kunsill http://www.lc.gov.mt/.

11.8. Is-Sindku qal li l-proġetti kapitali illi ser ikunu qed jiġu mplimentati sal-aħħar tal-2018 ser ikunu kif ġej:

| | |
|---|---|
| Tisbiħ ta' Triq Sant' Anna u Triq il-Mitħna l-Qadima | L-aħħar kwart tal-2017 |
| Proġett ta' Triq San Publiju (Tieni Fażi) | L-ewwel kwart tal-2018 |
| *Resurfacing* ta' Triq Ġorġ Borg Olivier | L-ewwel kwart tal-2018 |

11.9. Il-Kunsill innota u approva l-pjan imressaq mis-Sindku skont il-minuta 11.8

## 12.1. Kumpens għal ġbir ta' skart aktar min-normal permezz tal-i*skips* K/6/2/Vol V)

12.2. Inqara imejl datat 15 ta' Awwissu 2017, mibgħut mill-kuntrattur responsabbli mill-ġbir tal-iskart domestiku – Velljo Services – minħabba volum ikbar ta' skart li qed jinġabar miż-żoni tal-*boathouses* f'Aħrax.

12.3. Is-Sindku kkummenta li dawn l-iskips mhumiex qed jitbattlu kuljum, bir-riżultat li qed jitħalla skart madwarhom. Minn dak li jsegwi min-naħa tiegħu qed jinnota li dawn jitbattlu biss nhar ta' Tlieta, Ħamis, is-Sibt u l-Ħadd.

12.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha ssir laqgħa mal-kuntrattur in kwistjoni sabiex jgħid xi pjanijiet għandu biex itejjeb is-servizz li ddeġenera serjament fl-aħħar ġimgħat.

## 13.1. Rikostruzzjoni ta' Triq il-Qortin (T/4/13/Vol XI)

13.2. Is-Sindku aċċenna li x-xogħol fuq it-triq imsemmija għadu għaddej u mistenni li jintemm lejn l-aħħar ta Settembru 2017. Huwa għarraf li kien sar *survey* tal-livelli eżistenti tat-triq li ser jintuża sabiex isiru *culverts* ħalli jieħdu l-ilma tax-xita fid-direzzjoni tal-Wied tal-Imġiebaħ u hekk jitnaqqas l-volum ta' ilma li jmur fi Triq il-Birwina u Triq il-Merill.

13.3. Is-Sur J. Buttigieg ġibed l-attenzjoni li l-parti affettwata bix-xogħlijiet m'hijiex imdawwla biżżejjed u għalhekk f'dan l-istadju huwa ppropona li jsir *conduit* fil-bankina fuq in-naħa tal-vilel sabiex aktar tard jsiru *whip-type poles* bejn Triq il-Kbira u Triq il-Gardell. Il-finanzjament sabiex jitwettaq dan il-proġett jista' jintalab mill-Fond tal-Ippjanar. Huwa għalhekk ssuġġerixxa li ssir laqgħa fuq il-post mal-partijiet kollha nvoluti sabiex jitħejja *bill of* quantities tax-xogħlijiet meħtieġa.

13.4. Is-Sindku qal li qed jintwera tħassib dwar sewqan b'veloċità iktar qawwija fi Triq il-Qortin, wara li jintemm il-proġett. Għaldaqstant jeħtieġ jinstab meżż effettiv kif dan għandu jiġi kkontrollat. Issemmew *speed humps*, *raised plateau*s bit-tarmak, jew *rumble strips* bħala soluzzjoni.

13.5. Il-Kunsillier E. Bartolo ppropona li jsiru *built-outs* sabiex it-triq ma tibqax tidher daqshekk wiesgħa, filwaqt li ma jintifix wisq spazju għall-ipparkjar. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li dan jista' jieħu fit-tul, peress li din il-proposta tinvolvi bdil fil-linja tal-bankini eżistenti.

13.6. Wara aktar diskussjoni kien hemm qbil li għandha ssir konsultazzjoni tal-*Contract Manager* dwar l-għażliet li ssemmew aktar 'il fuq.

## 14.1. Tmexxija tad-*Defence Post* ta' Triq l-Għollieqa (A/6/7/3)

14.2. Is-Sindku ppropona sabiex jinbdew il-kuntatti mal-Fondazzjoni Wirt Artna sabiex it-tmexxija tal-post imsemmi tiġi fdata f'idejha, fuq l-istess linji li sar fir-rigward tat-Torri l-Abjad.

14.3. Il-Kunsill laqa' il-proposta.

## 15.1. Aċċess għal-tagħrif dwar il-lokalità permezz ta' *smart phones* (I/1/3/Vol VI)

15.2. Il-Kunsillier P. Cutajar rrefera għad-diskussjoni li kien hemm fuq is-suġġett t'hawn fuq fis-seduta Nru. 75 tat-3 ta' Mejju 2017. Huwa qal li xogħol fuq il-*mobile app* kien tlesta u ġiet

applowdjata fuq it-telefon ċellulari tiegħu. Id-diversi karatteristiċi tagħha ġew spjegati lill-Kunsill.

15.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u kien tal-fehma li l-*mobile app* tista' tiġi mnedija u rfinuta iktar skont ir-rispons li jkun hemm.

**16.1. Fondazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral (P/10/5)**

16.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li l-Bord tal-fondazzjoni attwalment qed jiddiskuti l-proposti għall-proġetti li jridu jitwettqu sas-sena 2020.

16.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**17.1. Laqgħa mal-Bord ta' Traffiku fi ħdan Transport Malta (T/3/3/Vol V)**

17.2. Is-Sindku għarraf li fit-28 ta' Awwissu 2017, il-Kunsill ġie msejjaħ sabiex jattendi laqgħa ta' konsultazzjoni dwar is-sistema tal-*one-way* imħaddma bit-***traffic lights* fi Triq Ġorġ Borg** Olivier. Flimkien miegħu attendew il-Kunsillier E. Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid li l-Malta Public Transport qed turi d-dubji tagħha, dwar kemm is-sistema msemmija ser taħdem. Dan minħabba li l-istennija tal-karozzi tal-linja sakemm jaqleb id-dawl tista' toħloq aktar konġestjoni, partikolarment fil-parti minn Triq it-Tonn 'il fuq. Għaldaqstant qed jiġu kkunsidrrati l-għażliet segwenti:

(a) li jitneħħew madwar 16-il parkeġġ biex it-traffiku jibqa' għaddej fiż-żewġ direzzjonijiet fl-istess ħin;

(b) Il-postijiet li attwalment huma ndikati bħala *Keep Clear*, jispiċċa u jsiru Zoni tal-Irmunkar; u

(c) jitħalla l-ipparkjar fi Triq Ġorġ Borg Olivier, u din it-triq issir *one-way* l'isfel u t-traffiku bil-kontra jgħaddi minn Dawret il-Mellieħa u Triq Lewis Wettinger.

17.3. Il-Kunsillier J. Attard qal li huwa totalment ma jaqbilx mal-għażla (a) għaliex din taffettwa b'mod negattiv in-negozju.

17.4. Is-Sindku wieġeb li l-Bord ser jieħu deċiżjoni wara li ssir simulazzjoni kompjuterizzata permezz tad-*data* li teżisti dwar it-traġitt ta' vetturi li jgħaddu minn Triq Ġorġ Borg Olivier. Is-Sur J. Buttigieg aċċenna wkoll li s-sidien tan-negożji huma rappreżentati fuq il-Bord mill-GRTU Malta Chamber for SME's.

17.5. Waqt l-istess laqgħa, ir-rappreżentant tal-LESA semma l-possibiltà li **Triq in-Naħħalija** ssir *one-way* sabiex ikun jista' isir ipparkjar fiha, mingħajr ma' tiġi kkawżata ebda konġestjoni tat-traffiku. Is-Sur J. Buttigieg, fakkar li dan l-arranġament kien diġa ġie diskuss xi snin qabel, iżda kien hemm oġġezzjoni għaliħ min-naħa tas-sidien tal-karozzi tal-linja. Ġie rilevat ukoll, illi d-direzzjoni li tingħata l-*one-way* jaffettwa l-pożizzjoni tal-*bus stop/shelter* li hemm fil-venda ta' Għajn Tuffieħa. Il-Bord ġie nfurmat li l-Kunsill jaqbel fil-prinċipju li Triq in-Naħallija, it-triq ta' Ħal Ferħ u Triq il-Manikata jsiru *one-ways*.

17.6. Fl-istess laqgħa, is-Sindku tenna l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar il-ħtieġa li titwessa Triq il-Manikata, bejn Triq il-Wilġa u Triq il-Biedja.

17.7. Is-Sindku wera d-diżappunt tal-Kunsill dwar in-nuqqas ta' konsultazzjoni min-naħa ta' Transport Malta u l-Enemata plc dwar l-arranġament tat-traffiku temporanji li daħlu fis-seħħ hekk kif inbeda x-xogħol fuq it-tqegħid ta' *cables* fi Triq Lewis Wettinger.

17.8. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fid-9.30 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 12 ta' Settembru 2017 fis-5.30 pm.

| | |
|---|---|
| Joħn Buttigieg | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |